# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 30 ta' April

## Pius V, OP Papa

Twieled go Bosco hdejn Alessandria, l-Italja fis-17 ta' Jannar 1504 u miet fl-1 ta' Mejju 1572; ikkannonizat fis-sena 1712. Maghruf l-aktar fost il-popli bhala l-Papa tar-Ruzarju u l-konnessjoni tieghu mal-Battalja ta' Lepanto.


Michele Parrasio, Cristo morto adorato da S. Pio V, XVI sec., Museo del Prado, Madrid

Antonio Michele twieled f'familja distinta imma fqira, il-familja Ghisleri. Il-genituri tieghu ma setghux jaghtu edukazzjoni xierqa li binhom, tifel mimli talent li kien jaghmilha ta' rghajj. Zewg dumnikani li waqfu jitkellmu mieghu raw kemm kien virtuz u ntelligenti.

Huma kellmu lill-genituri tieghu sabiex jiehdu maghhom lit-tfajjel u jaghtuh edukazzjoni mehtiega. Ta' tnax-il sena halla lil daru u ma regax lura hlief meta ordna sacerdot.

Huwa rritorna f'daru gewwa Bosco imma sabha imkissra mill-Francizi. Anqas ma seta' jghid jekk il-genituri tieghu kienux hajjin jew le, imma fl-ahhar sabhom fil-belt vicin. Wara li qaddes, sellmilhom u telaq lura

lejn il-kunvent biex minn hemm ikompli l-missjoni tieghu. Kellu hafna responsabiltajiet, fosthom ghalliem tat-teologija ghal 16 il-sena, majjistru tan-novizzi u superjur ta' hafna kunventi. Kien ukoll inkwizitur f'Como, l-Italja. L-eretici ta' zmienu kellhom arma qawwija, dik tal-kelma stampata. Huma kienu jimpurtaw kotba mill-Isvizzera u jqassmuhom biex b'rizultat ta' dan kienu jaghmlu hafna hsara fl-erwieh. Kemm-il darba l-ghedewwa tieghu ppruvaw joqtluh, nasbuh bosta drabi izda dejjem helisha ghax il-pjan t'Alla kien divers minn dak tal-bniedem.

Hadem fost l-eretici fil-habs u rnexxilu jgib hafna minnhom lura lejn il-fidi kattolika. Fis-sena 1556 Antonio Michele nhatar isqof ta' Nepi u Sutri. Huwa gie mahtur ukoll kardinal u b'hekk, kif qal hu stess, immazrawlu saqajh ma' l-art biex ma jhalluhx jirritorna lejn il-kunvent. Huwa kien kontra n-nepotizmu tant li oppona r-rieda ta' Piju IV li jaghmel kardinal lin- neputih, tfajjel ta' 13 il-sena u anke waqaf lil Imperatur Maximilian II tal-Germanja li ried jwarrab minn nofs ic-celebat tal-kleru.

Wara l-mewt ta Piju IV il-kardinali ghazlu lilu bhala Papa u ha l-isem ta' Piju V. Kontra qalbu accetta dan l-inkarigu. San Karlu Borromeo kellu influwenza kbira fuq l-ghazla tieghu ghaliex hass li dan il-bniedem kien mehtieg biex il-knisja tghaddi minn rifroma tant mehtiega.

U l-gudizzju ta' San Karlu Borromeo kien korrett. Il-flus li fl-inkurunazzjoni normalment kienu jitqassmu lil follol, inghataw lill-foqra u sptarijiet u l-flus li kienu jintefqu biex isir festin ghall-mistednin distinti tqassmu lill-kunventi fqar. Meta xi hadd ghadda kumment fuq dan huwa wiegeb li Alla ghad jiggudikana aktar fuq l-imhabba lejn il-fqar milli fuq il-manjeri lejn is-sinjuri. Il-foqra sabu fih il-bniedem li jieqaf ghalihom.

Kien hemm bzonn ta riforma ghall-kleru u glieda kontra l-erezija ta' Luteru, ta' Kalvinu u tal-Lombardi. Il-problemi kienu bosta. L-Ingilterra kienet qed thedded li tiksirha ma' Ruma. L-Olanda kienet qed tipprova tinqata' minn ma' Spanja u thaddan il-Protestantezmu. Il-missjonijiet barranin kellhom bzonn attenzjoni, u t-Torok kienu qed iharbtu l-ibliet nsara. Bizzejjed wahda minn dawk il-problemi biex tokkupalhu z-zmien kollhu tal-papat tieghu – sitt snin ta' pontifikat.

Wahda mill-ewwel azzjonijiet li ghamel dan il-Papa kien li jobbliga l-isqfijiet li jghixu fid-djocesi taghhom u lill- kappillani li joqghdu fil-parrocci taghhom. Nehha kull forma ta' nepotizmu u pprojbixxa l-glied tat-toru kif ukoll il-prostituzzjoni. Kien jinsisti hafna ghall-

qdusija ta' Jum il-Mulej. Darba fix-xahar kien izomm seduta ghal dawk li kienu jhossuhom li gew ittratti ngustament. Minn butu huwa xtara l-qamh meta il-guh hakem il-belt.

Ghamel riforma tal-brevjar u l-missal. Kien hu li ghamel lil San Tumas Aqwinu Duttur tal-knisja fis-sena 1567 . Il-katekizmu kif ordnat mill-koncilju ta' Trentu  sar realta' fi zmienu. Minkejja li ta hafna opportunitajiet lir-regina Elizabetta ta' l-Ingilterra biex tikkonverti, hija baqghet twebbes rasha u  fis-sena 1570 ta l-iskomunika. Huwa hall mill-ubbidjenza lis-sudditi taghha izda dan kien ta' hsara lil kattolici ghaliex qamet persekuzzjoni kontra taghhom u nghataw il-martirju.

Imma l-aktar li jibqa' fl-imhuh tan-nies huwa s-sehem tieghu fil-battalja ta' Lepanto. Fis-sena 1565 meta il-Kavallieri ta' San Gwann kwazi tilfu kull ma kellhom fl-attakk li sofrew fuq Malta, kien huwa li baghat ghajnuna ta' flus biex terga' timbena l-belt Valletta. Ordna krucjata kontra l-ghedewwa Tork. Amar ukoll li jsiru 40 siegha ta' qima lil Gesu'  gewwa Ruma u jinghad ir-Ruzarju.

L-armata ta' l-insara kienet zghira hdejn dik tat-Torok li kienu ilhom zmien jaghmlu rebha fuq rebha. Iltaqghu fil-bajja ta' Lepanto il-Hadd filghodu fis-7 ta' Ottubru 1565 u kien b'miraklu li l-forzi nsara ghelbu lil dawk Torok. Il-Papa gharaf li dak kien intervent divin u ordna periodu ta' ringrazzjamenti lil Alla. Fil-Litanija ta' Loretu huwa zied l-invokazzjoni, "Marija, Ghajnuna ta' l-Insara."

F'dan iz-zmien li hakmitu marda li minhabba fiha miet.